MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Diċembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 246/2018/1 LM

**Onor. Marlene Mizzi**
*("l-appellanta")*

***vs.***

**Onor. David Casa**
*("l-appellat")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti l-**Onor. Marlene Mizzi** (K.I. 379555M) mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn issa 'l quddiem "l-Ewwel Qorti"), fid-29 ta' Jannar, 2020 (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata") li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet kollha

tar-rikorrenti, filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-intimat, ħlief għall-ewwel eċċezzjoni li ġiet irtirata.

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti istitwiet proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati wara li ħassitha malafamata minħabba allegazzjonijiet li għamel l-intimat fil-pubbliku, liema allegazzjonijiet ġew u rappurtati u ppubblikati fil-gazzetta *maltatoday* tal-Ħadd 28 ta' Ottubru, 2018, f'artiklu intestat "*Casa's former aide says EP salaries were inflated".* Ir-rikorrenti tgħid li dawn l-allegazzjonijiet kienu malafamanti fil-konfront tagħha, u li tali malafama saret bil-għan li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tagħha. Ir-rikorrenti talbet lill-Ewwel Qorti tikkundanna lill-intimat għall-ħlas ta' dik is-somma li hija talbet li tiġi likwidata mill-Ewwel Qorti.

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti pproċediet kontra l-intimat quddiem l-Ewwel Qorti wara li ħassitha malafamata b'kummenti li dan għadda u li ġew rappurtati mill-gazzetta *maltatoday,* u li r-rikorrenti qalet li kienu malafamanti u intiżi biex itellfu mir-reputazzjoni tagħha.

L-intimat wieġeb għat-talbiet tar-rikorrenti billi qal li l-kummenti li huwa ta lill-gazzetta *maltatoday* ma ġewx fedelment riprodotti mill-istess gazzetta, u hu min-naħa tiegħu m'għamel l-ebda riferiment speċifiku għar-rikorrenti, kuntrarjament għal dak rappurtat. Kompla jgħid li l-kummenti li huwa ta kienu dwar l-abbuż attwali u potenzjali ta' fondi tal-Unjoni Ewropea li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew; dwar investigazzjonijiet li saru rigward dan l-abbuż; u l-ħidma li saret mill-Parlament Ewropew biex jikkumbatti l-istess. Qal li d-diskors tiegħu kien jikkonsisti f'espressjoni ta' opinjoni u apprezzament jew *value judgment* u huwa *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku fuq fatti sostanzjalment veritieri taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579), il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

4. Quddiem l-Ewwel Qorti r-rikorrenti xehdet li kemm hi kif ukoll l-intimat huma Membri tal-Parlament Ewropew, u li f'dan ir-rwol il-partijiet, bħal kull Membru ieħor tal-Parlament Ewropew, għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom tliet tipi ta' fondi, jiġifieri s-salarju tagħhom, fondi oħra għall-ħlas tas-salarji tal-assistenti tagħhom, u l-*general expense account.* Ir-rikorrenti spjegat li dawn l-aħħar tip ta' fondi jingħataw kull xahar lill-Membri tal-Parlament Ewropew bil-għan li dawn ikunu jistgħu jmexxu l-uffiċċju tagħhom, u hemm regoli ta' proċedura li kull Membri tal-Parlament Ewropew huwa mistenni li jimxi magħhom. Spjegat li fost affarijiet oħra, dawn il-fondi jistgħu jintużaw għall-ħlas tal-kiri ta' xi uffiċċju li l-MEP jista' jkollu bżonn. Ir-rikorrenti qalet li l-flus minn

dawn il-fondi għandhom jitpoġġew f'kont separat. Qalet ukoll li skont ir-regoli ta' proċedura tal-Parlament Ewropew l-MEPs mhumiex obbligati jagħtu rendikont dwar kif jonfqu dawn il-flejjes. Ir-rikorrenti spjegat li meta ġiet eletta fil-Parlament Ewropew fl-elezzjoni tal-2013, hija kellha bżonn tagħmel użu minn uffiċċju fi Brussels u ieħor f'Malta, u hija kienet iddeċidiet li tagħmel użu minn uffiċċju vojt li t-tifla tagħha kellha fil-Belt Valletta. Kompliet tgħid li r-regoli ta' proċedura tal-Parlament Ewropew jispeċifikaw li wieħed ma jistax jimpjega fl-uffiċċju tiegħu membri tal-familja tiegħu, u qalet li bl-istess raġunament, hija kienet iddeċidiet li min-naħa tagħha ma tkunx qiegħda tingħata impressjoni tajba li kieku kellha tippreżenta irċevuti tal-kera maħruġa mit-tifla tagħha stess. Qalet li kien għalhekk li kienet iddeċidiet li ma tħallasx kera lit-tifla tagħha għall-użu ta' dan l-uffiċċju. Kompliet tgħid li hija kienet ħassitha malafamata bl-użu tal-kelma *"pocketing"* li ntużat fl-artiklu, għaliex assolutament ma kienx il-każ li għamlet użu ħażin minn fondi tal-Parlament Ewropew jew approprjat ruħha minn flejjes li ma kellhiex jedd għalihom.

5. Fix-xhieda tiegħu l-intimat qal li ma kienx hu li qal li r-rikorrenti approprjat ruħha minn xi flejjes tal-Parlament Ewropew, iżda t-*Times of Malta* permezz ta' artiklu li kien deher fil-31 ta' Mejju, 2017. Qal li wara li kien deher dan l-artiklu, huwa kien bagħat *email* lill-*maltatoday* bi tweġiba għal sensiela ta' mistoqsijiet li sarulu, fejn ma identifika lill-ebda MEP b'ismu għajr għall-Onorevoli Miriam Dalli, u kien l-editur li għażel liema partijiet mill-*email* tiegħu kellu jikkwota u li żied l-ismijiet ta' Membri tal-Parlament Ewropew f'partijiet mill-artiklu. L-

intimat qal ukoll li huwa fl-ebda mument ma talab lill-editur jippubblika xi ismijiet. Ix-xhud spjega hekk,

> "Aħna ... dejjem ivvutajna favur trasparenza b'differenza li aħna nippubblikaw għal għaxar snin sħaħ il-kont, jiena u d-deputati tal-Partit Nazzjonalista. Nagħmlu l-kontijiet tagħna *online* u tista' tara fejn inkunu nfaqna l-flus u awditjati. Jiena m'għandix bżonn nagħmel awditjar u nippubblika għax kif qalet tajjeb l-Onorevoli Mizzi *you can pocket them.* Għalija *to pocket* mintix qed tisraq, inti jtuk *lump sum* intenzjonata għall-uffiċċju, intenzjonata għall-*expenditure* tal-uffiċċju li għandek fil-kostitwenza u jiena kkwotajt lill-Onorevoli Mizzi mingħajr ma semmejt isimha f'artiklu ta' kumment li tat hi stess lit-Times of Malta għax kienu qed isaqsuna domandi ... U Marlene Mizzi qalet hi stess hawn *that she uses an 80 square metre Valletta office rent free from her daughter.* Jiġifieri jiena ma vvintajtx dan kollu ... Bl-ebda mod ma għidtlu ippubblika dak li qed ngħid fuq Marlene Mizzi *pocketing* il-flus."

L-intimat kompla jgħid li l-kliem li ġie rappurtat huwa kien kitbu f'*email* li fiha ma semma l-ebda isem ta' xi MEP partikolari, u kien l-editur tal-gazzetta li għażel li jsemmi lir-rikorrenti b'isimha. Qal li huwa kien qiegħed jirrepeti dak li kienet diġà rrappurtat il-gazzetta *The Times* preċedentement. Ix-xhud esebixxa kopja tal-*email* li hu kien bagħat lill-editur tal-*maltatoday,* u li abbażi tagħha nkiteb l-artiklu li minħabba fih ir-rikorrenti ħassitha malafamata, fejn fost affarijiet oħra huwa kien kiteb,

> "*It is surreal that I am being asked these ridiculous questions when my Labour counterparts do not account for 1 cent of that budget. One of whom has unashamedly declared that offices are leased from offspring payment-free - necessarily implying these funds are pocketed."*

6. F'xhieda ulterjuri, ir-rikorrenti qalet li minkejja li hija kellha l-flus għad-dispożizzjoni tagħha, ma jfissirx li kienet qiegħda tieħu l-flus, jew kif inkiteb fl-

artiklu, kien hemm "*pocketing*". Żiedet tgħid skont il-proċedura applikabbli fil-Parlament Ewropew, l-MEPs m'għandhomx għalfejn jagħtu rendikont tal-infiq tagħhom. Qalet iżda li l-infiq tagħha rigward spejjeż tal-Parlament Ewropew jiġu awditjati u ppubblikati.

7. Xhud ieħor fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti kien **Saviour Balzan**, l-editur tal-gazzetta fejn deher l-artiklu inkwistjoni. Xhud ieħor li ddepona quddiem l-Ewwel Qorti kien il-ġurnalist **Jacob Borg**, li xehed li huwa kien kiteb artiklu dwar l-*audit* tal-ispejjeż li jagħmlu l-Membri tal-Parlament Ewropew. Dan ix-xhud għamel riferiment għal domandi li huwa kien għamel lir-rikorrenti dwar l-użu ta' uffiċċju proprjetà tat-tifla tagħha. Spjega li r-rikorrenti kienet qaltlu li hija m'għandhiex *invoices* rigward l-użu ta' dan l-uffiċċju għaliex kienet tagħmel użu minnu bla ebda ħlas. Ix-xhud qal li hu fl-ebda ħin ma wasal għall-konklużjoni jew kiteb li xi ħadd mill-MEPs kien qiegħed jieħu l-flus għalih.

## Is-Sentenza Appellata

8. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-29 ta' Jannar, 2020, l-Ewwel Qorti kkonkludiet billi ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-intimat, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Ikkunsidrat;***
>
> *L-attriċi ssostni li hija ġiet malafamata bl-allegazzjonijiet li saru mill-konvenut, liema allegazzjonijiet ġew irrapportati u ppubblikati fil-gazzetta Malta Today tal-Ħadd 28 ta' Ottubru 2018 f'artikolu intestat "*Casa's former aide says EP salaries were

inflated." *Skont l-attriċi, dawn l-allegazzjonijiet saru sabiex itellfu u jnaqqsu r-reputazzjoni tagħha.*

*Is-silta allegatament malafamanti, li ġiet immarkata bil-kulur isfar fuq il-ħarġa tal-gazzetta* Malta Today *li ġiet annessa mar-rikors promutur u mmarkata Dok. MM1, qed tiġi riprodotta hawn taħt:*

> "Casa, who has denied the allegation, yesterday accused Labour MEPs of not accounting for one cent of their EP budget, and made special mention of Marlene Mizzi, who was leasing her offices from her own daughter "payment-free, necessarily implying that these funds are pocketed", he said."

*Ikkunsidrat;*

*L-isfond tal-każ u l-fatti rilevanti għall-vertenza odjerna, li jirriżultaw u ġew stabbiliti wara li l-Qorti eżaminat l-atti u l-provi kollha akkwiżiti, huma s-segwenti:-*

*Illi fiż-żmien meta saru l-kummenti mill-konvenut mertu ta' dan il-libell, l-attriċi kienet membru tal-Parlament Ewropew eletta minn fost il-kandidati assoċjati mal-Partit Laburista;*

*Il-konvenut ukoll huwa membru tal-Parlament Ewropew, u jifforma parti mid-delegazzjoni tal-Partit Nazzjonalista fil-Parlament Ewropew;*

*Il-Membri tal-Parlament Ewropew (MEPs) jirċievu kull wieħed mingħand il-Parlament Ewropew (EP) ħlas kull xahar ta' lump sum f'somma massima ta' €4,416 in linea ta'* allowance *magħruf bħala* General Expense Allowance *li huwa intiż sabiex ikopri u jagħmel tajjeb għall-ispejjeż amministrattivi inkorsi mill-MEPs fil-kors ta' ħidmithom matul il-mandat tagħhom, fosthom spejjeż ta' kera ta' uffiċċju, ħlas ta' salarji, apparat tal-uffiċċju, komunikazzjonijiet, u dan skont kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti in atti mill-attriċi;*

*Fiż-żmien tal-każ in diżamina, huwa stabbilit li ma kien jeżisti ebda obbligu fuq MEPs illi jagħtu rendikont tan-nefqa tagħhom mill-*General Expense Allowance *tant illi ngħatat deċiżjoni mill-Qorti Ġenerali fil-25 ta' Settembru 2018 li kkonferma serje ta' deċiżjonijiet mogħtija preċedentement mill-Parlament Ewropew u li rritenew illi ma għandu jiġi impost ebda obbligu fuq MEPs sabiex jiżvelaw kif effettivament jonfqu l-fondi pubbliċi lilhom allokati għall-ispejjeż amministrattivi tagħhom, jew xi obbligu*

*sabiex jipprovdu riċevuti, fatturi jew tagħmir ieħor dwar l-ispejjeż li effettivament jintefqu minn din l-*Allowance*;*

*Illi madanakollu, fiż-żmien in kwistjoni, il-*General Expense Allowance *kien is-suġġett ta' dibattitu pubbliku estensiv li kellu fil-mira tiegħu dan in-nuqqas ta' trasparenza fin-nefqa da parti tal-MEPs tal-fondi provenjenti mill-imsemi* Allowance, *liema dibattitu kien ingħata prominenza mill-gazzetta* The Times of Malta, *f'artikolu ppubblikat fil-gazzetta kif imtella'* online *fuq is-sit elettroniku tiegħu fil-31 ta' Mejju 2017. F'dan l-artikolu, li kien jittratta, "*an EU-wide project looking into the way MEPs spend their General Expenditure Allowance", *ġie rappurtat illi t-tliet MEPs assoċjati mal-Partit Nazzjonalista naqsu milli jipproduċu dokumenti in sostenn tan-nefqa dikjarata minnhom in konnessjoni mal-ħlas tal-kera tal-uffiċini tagħhom ġewwa d-Dar Ċentrali. Fl-istess artikolu ġiet diskussa wkoll il-prassi eżistenti fost MEPs li jiddikjaraw spejjeż fittizji biex jiġġustifikaw il-ħlas sħiħ tal-*Allowance *għal spejjeż amministrattivi, kif ukoll il-ħtieġa impellenti li jiġu introdotti miżuri serji għall-kontroll tan-nefqa tal-MEPs minn dan il-*General Expense Allowance.

*Illi f'dan l-artikolu tal-31 ta' Mejju 2017, l-attriċi fost MEPs oħrajn intervistati, ġiet rapportata tgħid li fil-ħidma tagħha bħala MEP, hija tuża uffiċċju ġewwa l-Belt li jappartjeni lil bintha u ma tħallas ebda kera għall-użu ta' dan l-uffiċċju.*

*Illi jirriżulta li dan id-dibattitu pubbliku kien wassal ukoll sabiex, fuq inizjattiva mnedija anke mill-MEPs tal-Partit Nazzjonalista, tiġi introdotta mozzjoni fil-Parlament Ewropew għal aktar trasparenza u obbligu ta' kontabilità b'rabta man-nefqa li jsir minn MEPs mill-*budget *lilhom allokat (*General Expense Allowance) *għall-ħlas ta' spejjeż amministrattivi;*

*Sussegwentement, il-konvenut, meta ġie mistoqsi mill-gazzetta* maltatoday *għall-kummenti tiegħu fl-isfond ta' allegazzjonijiet dwar abbuż ta' droga li saru fil-konfront tiegħu minn persuna li kienet impjegata miegħu bħala addett fl-uffiċċju tiegħu ġewwa Strasbourg, bagħat email bi stqarrija fejn fisser il-pożizzjoni ġenerali b'rabta mal-amministrazzjoni tal-*General Expense Allowance, *irribatta l-allegazzjonijiet dwar abbuż tad-droga li saru fil-konfront tiegħu, u żvela illi l-MEPs delegati tal-Partit Nazzjonalista jippubblikaw* audit *kull sena dwar l-amministrazzjoni tagħhom tal-fondi pubbliċi inkluż il-*General Expense Allowance, *liema pubblikazzjoni ssir fl-interess ta' trasparenza u mingħajr ebda obbligu li dan isir.*

*Il-konvenut, fl-imsemmija stqarrija, fost affarijiet oħra qal hekk: "*It is surreal that I am being asked these ridiculous questions when my Labour counterparts do not account for 1 cent of that budget. One of whom has unashamedly declared that offices are leased from offspring payment-free – necessarily implying that these funds are being pocketed."

*Il-konvenut kien talab speċifikament fl-*email *tas-27 ta' Ottubru 2018 illi l-istqarrija minnu mogħtija tiġi ppubblikata bis-sħiħ.*

*Illi l-għada 28 ta' Ottubru 2018, il-gazzetta* maltatoday *ippubblika l-artikolu intestat, "*Casa's former aide says EP salaries were inflated."

*Illi f'dan l-artikolu, il-konvenut ġie rappurtat jgħid fl-artikolu in kwistjoni, illi l-MEPs Laburisti Miriam Dalli u Alfred Sant kienu ivvutaw kontra emenda għall-mozzjoni li kienet issejħet fil-plenarja sabiex MEPs ikunu obbligati jżommu* records *ta' riċevuti relatati mal-*General Expense Allowance.

*L-imsemmi artikolu rrapporta wkoll illi fid-dikjarazzjonijiet ta' trasparenza ppreżentati mill-konvenut lill-Partit Nazzjonalista, l-istess konvenut iddikjara illi l-kostitwenza tiegħu dejjem irritornat porzjoni żgħira ta' bejn 5% u 7% mit-total tal-*budget *allokat mill-Parlament Ewropew għall-impjieg tal-addetti.*

*Mill-provi jirriżulta wkoll illi l-fondi li għamel referenza għalihom il-konvenut meta ġie rapportat li qal illi l-attriċi qiegħda ddaħħal f'butha l-fondi perċepiti mill-"*EP budget" *huwa l-imsemmi* General Expense Allowance *li jingħata lill-MEPs.*

*Jirriżulta wkoll, għax hekk ġie mistqarr mill-attriċi fix-xhieda tagħha f'din il-kawża, illi għall-ħidma tagħha bħala MEP ġewwa Malta, hija tuża uffiċċju li jappartjeni lil bintha, liema fond jinsab ġewwa l-Belt Valletta, iżda ma tħallas ebda kera lil bintha għall-użu ta' dan il-fond.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut dwar l-improponibbilità u nullità tal-proċeduri minħabba illi l-azzjoni ġiet imsejsa fuq allegat ksur ta' dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta, ġiet irtirata mill-konvenut in segwitu għad-digriet mogħti waqt l-udjenza tal-15 ta' Novembru 2018 li permezz tagħha tħassret ir-referenza sħiħa għall-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi permezz tat-tieni eċċezzjoni sollevata fir-Risposta tat-22 ta' Novembru 2018, il-konvenut jeċċepixxi illi l-kummenti li huwa kien irrilaxxa lill-gazzetta* maltatoday *ma ġewx fedelment riprodotti mill-istess gazzetta, tant illi huwa lanqas kien għamel referenza speċifika lill-attriċi kif rapportat.*

*Jibda biex jingħad illi effettivament, l-attriċi ma indirizzatx l-azzjoni tagħha fil-konfront tal-editur tal-gazzetta* maltatoday *jew l-awtur li fassal l-artikolu in kwistjoni, u dan minkejja illi l-konvenut allega illi fl-istess artikolu huwa ġie rapportat jgħid kliem li huwa ma qalx. L-azzjoni hija diretta fil-konfront tal-konvenut biss u l-Qorti fehmet illi dan huwa għaliex fir-Rikors promutur l-attriċi tgħid illi l-allegazzjonijiet malafamanti saru mill-konvenut "fil-pubbliku". Madanakollu, ma jirriżultax mill-provi illi d-diskors li sar mill-konvenut fejn intqalu l-kummenti allegatament malafamanti, kien diskors li sar fil-pubbliku.*

*Il-provi juru, minflok, illi l-kummenti rapportati mill-gazzetta* maltatoday *kienu saru mill-konvenut fi stqarrija li huwa bagħat lill-istess gazzetta biex jirribatti allegazzjonijiet i kienu qed isiru mill-addett tiegħu* inter alia *in konnessjoni mal-abbuż tad-droga u in konnessjoni wkoll mal-prassi tal-MEPs li jesaġeraw in-nefqa attwali tal-ispejjeż amministrattivi tagħhom, inkluż salarji tal-addetti tal-kostitwenza, bl-iskop li tkun b'hekk ġustifikata t-talba għall-ħlas tal-ammont sħiħ tal-fondi allokati lilhom bil-*General Expense Allowance. *Kif ingħad, din l-istqarrija, jew aħjar partijiet minnha, ġew pubblikati mill-istess gazzetta fl-artiklu intestat* "Casa's former aide says EP salaries were inflated."

*Il-konvenut jeċċepixxi illi fl-istqarrija tiegħu, huwa ma għamilx referenza espressa għall-attriċi u jikkontendi illi l-artikolu in kwistjoni irrapporta kliem li huwa effettivament ma kienx qal. Għalkemm il-konvenut ma jiċħadx illi s-silta fil-gazzetta in kwistjoni tirriproduċi* verbatim *uħud mill-kliem proprju li ntuża fl-istqarrija li huwa bagħat lill-istess gazzetta, u ċioe l-kliem* "payment-free, implying that the funds are being pocketed"*, huwa jsostni li qatt ma semma' b'isimha lill-attriċi u jikkontendi illi l-awtur tal-artikolu għażel huwa stess liema partijiet mill-istqarrija jirriproduċi o meno fl-artikolu tiegħu.*

*Il-konvenut huwa konfortat f'din l-eċċezzjoni mill-kontenut ta' Dok. DC1 li fih l-istqarrija li kienet intbagħtet bil-posta elettronika lil Saviour Balzan, l-awtur tal-*

*artikolu in kwistjoni, b'talba sabiex tiġi ppubblikata bis-sħiħ l-istqarrija tal-konvenut li ġiet riprodotta fl-istess email. Il-Qorti rat l-istqarrija Dok. DC1 u tosserva minnufih li kuntrarjament għal dak li ntqal fis-silta in diżamina, mhuwiex minnu illi l-konvenut* "made special mention of Marlene Mizzi" *għaliex ir-referenza tiegħu kienet lil* "... my Labour counter-parts ... One of whom has unashamedly declared ...". *B'żieda ma' dan, jiġi osservat illi għalkemm fl-email ossia stqarrija, hemm imsemmi illi din il-persuna tikri uffiċċju mingħand* "offspring, payment-free", *imkien ma jirriżulta illi l-konvenut semma li dan l-uffiċċju huwa proprju ta' bintha.*

*Il-konvenut għandu raġun ukoll meta jgħid illi l-attriċi kienet issemmiet espressament b'isimha f'dan il-kuntest, fl-artikolu preċedenti li kien ippubblikat fuq is-sit elettroniku* 'The Times of Malta' *fil-31 ta' Mejju 2017 fejn, fl-isfond tal-istess tema dwar in-nuqqas ta' kontabbilità tal-MEPs għall-ispejjeż li jintefqu mill-*General Expense Allowance *tagħhom, hija stess ġiet rapportata tgħid li tuża uffiċċju ta' bintha mingħajr ma tħallas kera. Effettivament, ġie rapportat hekk fl-artikolu tal-31 ta' Mejju 2017:* "Marlene Mizzi said she uses an 80 square metres Valletta office rent-free from her daughter". *Dan, f'kull każ jirriżulta mill-korrispondenza esebita fl-atti mix-xhud Jacob Borg.*

*Madanakollu, minkejja illi t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut għandha mis-sewwa, il-Qorti fehmet illi l-attriċi tippernja l-azzjoni tagħha għall-malafama fuq il-pubblikazzjoni (l-artikolu mertu ta' din il-kawża) tal-kliem riprodott* verbatim *mill-istqarrija tal-konvenut ċioe, speċifikament, il-kliem* "... payment-free, necessarily implying that the funds are being pocketed", *li huwa l-kliem użat mill-konvenut innifsu, liema kliem, skont l-attriċi, joskuraw l-integrità tagħha għaliex l-implikazzjoni pależi hija illi hija żżomm għaliha nnifisha u b'mod mhux regolamentari, spejjeż li huma allokati speċifikament lilha bħala MEP sabiex tħallas bihom inter alia l-kera ta' uffiċċju.*

*Għaldaqstant, u b'referenza għal dak li eċċepixxa l-konvenut fit-tieni eċċezzjoni, ma jirriżultax illi l-attriċi qiegħda tilmenta bil-fatt illi ssemmiet b'isimha mill-konvenut. Wara kollox, mhuwiex fatt kontestat mill-attriċi illi hija stess kienet stqarret lill-gazzetta* The Times of Malta *li hija tikri uffiċċju l-Belt mingħand bintha* "rent-free".

*Il-Qorti fehmet l-attriċi qiegħda torbot l-allegazzjoni tal-konvenut mal-fatti minnha stess dikjarati u li ġew rapportati fil-midja fil-31 ta' Mejju 2017, ċioe li hija tuża uffiċċju ta' bintha mingħajr ma tħallas kera, u f'kull każ din ir-rabta hija evidenti. Isegwi għalhekk illi dak li għandu jiġi mistħarreġ u stabbilit f'din il-kawża, huwa jekk l-*

*allegazzjonijiet magħmula mill-konvenut (u rapportati fil-gazzetta Malta Today) b'rabta manifesta mal-fatti kif mistqarra mill-attriċi nnifisha, humiex malafamanti fil-konfront tal-istess attriċi.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-konvenut, permezz tat-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet minnu sollevati fir-Risposta tiegħu, jilqa' għall-azzjoni attriċi billi jsostni illi l-kummenti tiegħu kienu saru fuq materja ta' interess pubbliku, ċioe l-abbuż attwali u potenzjali tal-fondi tal-Unjoni Ewropea, u l-investigazzjonijiet u ħidmiet oħrajn li kienu qed isiru biex jiġi kombattut dan l-abbuż. Jikkontendi wkoll li l-kummenti tiegħu jikkostitwixxu espressjoni ta' opinjoni jew* value judgment *fuq materja ta' interess pubbliku, liema opinjoni saret in konnessjoni ma' fatti li huma sostanzjalment veritieri.*

*Il-Qorti tibda billi tosserva illi, kif ġia stabbilit, huwa fatt ammess mill-attriċi u magħruf lill-pubbliku tramite pubblikazzjoni preċedenti, illi hija tuża l-uffiċċju ta' bintha mingħajr ma tħallas xi kera għal dak l-użu. Fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti, l-attriċi qalet li* "kien idea tajba li jien ma nħallasx assolutament kera lit-tifla tiegħi" *u fil-fatt tiċħad li hija tgħaddi jew kienet tħallas xi flus għall-użu tal-fond in kwistjoni bħala uffiċċju, lil bintha. Iżda l-attriċi toġġezzjona b'mod speċifiku għall-użu tal-kelma "*pocketing" *mill-konvenut għaliex issostni li din il-kelma tagħti x'tifhem illi hija tisraq minn fondi li ma jappartjenux lilha u qed tagħmel użu indebitu mill-*General Expense Allowance. *Dan skont l-attriċi, huwa ta' ħsara għar-reputazzjoni tagħha bħala persuna ta' integrità li dejjem imxiet skont ir-regoli tal-proċedura tal-Parlament Ewropew.*

*L-attriċi tilmenta ulterjorment dwar il-fatt illi għalkemm hija kienet riċentement ivvotat fil-Parlament Ewropew favur l-emenda mressqa għar-rapport dwar il-*Budget *tal-Parlament, dwra il-ħtieġa li jkun hemm aktar trasparenza fl-użu tal-fondi perċepiti mill-*General Expense Allowance *tal-MEPs, bl-istess mod kif ivvota l-konvenut u l-MEPs l-oħrajn eletti mill-kamp politiku Nazzjonalist, dan il-fatt ma semmiex il-konvenut meta għamel l-allegazzjonijiet mertu ta' din il-kawża.*

*Iżda hawnhekk il-Qorti trid tosserva illi l-attriċi mhijiex għal kollox korretta għaliex jirriżulta li effettivament, il-konvenut għamel is-segwenti stqarrija fir-rigward, liema stqarrija ġiet debitament rapportata fl-artikolu in kwistjoni:*

> "It is even more surreal that it was Labour MPs Miriam Dalli and Alfred Sant that just this week did not support an amendment voted on in plenary that

would require MEPs to keep records of receipts related to the General Expense Allowance."

*Għalkemm huwa minnu li mal-konvenut ma semmiex espressament illi l-attriċi kienet ivvotat favur l-emenda in kwistjoni, huwa fatt magħruf lill-pubbliku u stabbilit b'mod inkonfutabbli illi dak iż-żmien, l-uniċi tliet MEPs eletti mill-kamp politiku Laburist kienu biss l-attriċi u ż-żewġ MEPs l-oħrajn appena msemmijin. B'dan huwa biżżejjed biex qarrej ordinarju jifhem illi l-attriċi ma kinitx ivvotat kontra l-emenda kif għamlu l-uniċi żewġ MEPs Maltin oħrajn tal-Partit Laburista.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi huwa risaput illi d-difiża tal-ġudizzju onest hija intiża sabviex tippromwovi d-dritt għal-libertà tal-espressjoni, b'dan illi min irid jesprimi l-fehmiet tiegħu fuq il-kondotta jew il-kliem ta' ħaddieħor ma jkunx imxekkel fil-parametri tal-kritika tiegħu, iżda jkun minflok ħieles illi jsawwar il-kritika tiegħu fl-iktar termini skjetti, xewwieki u enfatiċi li huma kompatibbli mal-kritika leġittima.*

*Fil-liġi tagħna*[1]*, id-difiża ta' opinjoni onesta tirnexxi jekk il-konvenut jissodisfa s-segwenti kundizzjonijiet*[2]*:-*

*(a) Id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment hija dikjarazzjoni ta' opinjoni;*
*(b) Id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment, tindika, kemm f'termini ġenerali jew speċifiċi, il-bażi tal-opinjoni;*
*(c) Li persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' –*

*(i) Kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment, kienet ippubblikata; jew*
*(ii) Kull ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġata ppubblikata qabel id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment.*

*Is-sub-artikolu (3) tal-Artikolu 4 imbagħad jipprovdi illi d-difiża ta' opinjoni onesta tkun mitlufa jekk l-attur juri li l-konvenut ma kellux dik l-opinjoni, filwaqt illi s-subartikolu (4) jiddefinixxi "dikjarazzjoni privileġġata"*[3] *bħala waħda,* inter alia*, fejn:-*

[1] Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 4(2) tal-Kap. 579.
[3] Imsemmija f'Artikolu 4(2)(ċ)(ii).

> *"... il-persuna responsabbli għall-pubblikazzjoni tagħha tista' turi bħala difiża għaliha li – (a) il-pubblikazzjoni hija dwar materja ta' interess pubbliku li tkun diġà ngħatat pubbliċità b'mod aċċessibbli għal udjenza kbira f'medium stabbilit ..."*

*Sinifikanti wkoll il-fatt illi d-difiża ta' opinjoni onesta invokata mill-konvenut, tapplika biss meta l-persuna aggravata hija persuna pubblika. Il-liġi tiddefinixxi "persuna pubblika", fost oħrajn, bħala persuna li "hija kandidat għal kariga pubblika u l-fatti attribwiti lilha jirreferu għall-onestà, abbiltà jew kompetenza tagħha, sabiex tokkupa dik il-kariga."*[4]

*Issa f'dan il-każ huwa ċar illi l-istqarrija tal-konvenut saret f'kuntest kjarament politiku u l-Qorti hija sodisfatta illi l-kumment tal-konvenut sar ukoll fuq materja ta' interess pubbliku u abbażi ta' informazzjoni fattwali li kienet diġà magħrufa lill-pubbliku in ġenerali, sija minħabba pubblikazzjoni tal-artikolu fuq is-sit elettroniku ta'* 'The Times of Malta' *iktar minn sena qabel b'rabta man-nuqqas ta' trasparenza dwar l-użu tal-fondi perċepiti mill-MEPs taħt il-kappa tal-*General Expense Allowance, *u sija wkoll minħabba l-fatti żvelati fl-istqarrija tal-konvenut u li ġew riprodotti u ppubblikati fl-artikolu in kwistjoni. Dawn il-fatti huma senjatament: il-fatt illi l-MEPs tal-Partit Laburista ma jagħtu ebda kont dwar xi nefqa mill-*General Expense Allowance *rispettivi tagħhom; il-fatt illi l-MEPs Miriam Dalli u Alfred Sant kienu vvotaw kontra l-emenda favur mozzjoni għall-obbligu li jinżammu* records *dwar pagamenti li jsiru mill-*General Expense Allowance; *kif ukoll il-fatt illi l-MEPs tal-Partit Nazzjonalista jippubblikaw b'mod volontarju kull sena audit dwar l-użu tagħhom tal-fondi pubbliċi fosthom il-*General Expense Allowance.

*Il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi dak li ntqal mill-konvenut b'rabta mal-fatt illi l-attriċi ma tħallasx kera ta' uffiċċju mill-fondi lilha allokati* inter al*ia għal dan l-iskop, ma jistax jitqies bħala dikjarazzjoni ta' fatt li l-eżistenza tiegħu tkun trid tiġi demostrata, iżda jikkostitwixxu espressjoni ta' opinjoni jew* a value judgment *a tenur tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-liġi.*

*Wieħed ifakkar hawnhekk illi skont il-ġurisprudenza paċifika tal-Qorti Ewropea, l-imħarrek f'azzjoni ta' libell mhuwiex u ma għandux ikun tenut illi jipprova l-verità ta'* value judgments *għaliex dan ir-rekwiżit ikun jikkozza mal-jedd protett fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni u għaldaqstant, il-liġi ma tistax tiġi mfissra b'mod illi tesiġi lill-*

---

[4] Artikolu 4(5) tal-Kap. 579.

*konvenut li jipprova l-verità ta' opinjoni, għalkemm għandu jingħata l-opportunità li jagħmel dan.*

*Fid-deċiżjoni tagħha fil-każ* **Cumpănă and Mazăre vs Romania,** *il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem*[5] *riaffermat illi:-*

> "... a careful distinction needs to be made between facts and value judgments. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value judgments is not susceptible of proof (see **De Haes and Gijsels,** cited above, p. 235, §42, and Harlanova v Latvia (dec.), no. 57313/00, 3 April 2003).
>
> 99. Admittedly, where allegations are made about the conduct of a third party, it may sometimes be difficult, as in the instant case, to distinguish between assertions of fact and value judgments. Nevertheless, even a value judgment may be excesive if it has no factual basis to support it(see **Jerusalem v. Austria,** no. 26958/95, §43, ECHR 2001-II)."

*Fir-rigward, huwa minnu illi l-kelma* "pocketing" *tissuġġerixxi u hija kapaċi illi toħloq ipotesi f'moħħ il-qarrej ordinarju illi effettivament l-attriċi qiegħda żżomm għaliha l-fondi li hija tipperċepixxi mill-Parlament Ewropew, minflok tħallas bihom xi spejjeż amministrattivi. Iżda fir-realtà, m'hemmx wisq dubju illi din l-espressjoni tal-konvenut ma hijiex tant espressjoni ta' fatt* ut sic anzicche *espressjoni ta' opinjoni fuq il-fatt –* del resto *stabbilit u magħruf – illi l-attriċi, għalkemm tipperċepixxi* allowance *minn fondi pubbliċi għall-ħlas* inter alia *tal-kera ta' uffiċini, tagħmel użu minn uffiċċju ta' bintha mingħajr ma tħallas kera. Dan il-fatt, l-attriċi, kif rajna, mhux biss ma ċaħditux iżda affermatu hija stess anke fix-xhieda tagħha.*

*Miżmum ferm dan kollu, l-allegazzjoni li għamel il-konvenut bl-użu tal-kelma* "pocketing", *pjuttost milli dikjarazzjoni ta' fatt, jirriżulta li huwa kumment magħmul b'rabta diretta ma' fatti veri, stabbiliti u ammessi mill-attriċi. Huwa ovvju illi teżisti bażi fattwali suffiċjentement stabbilita għall-espressjoni li uża l-konvenut, liema bażi fattwali tikkonsisti fid-dikjarazzjoni li għamlet l-attriċi stess lil* The Times of Malta *u li kwindi ġiet pubblikata fl-istess* medium *li ġew pubblikati wkoll l-allegazzjonijiet tal-konvenut mertu ta' din il-kawża.*

*Ikkunsidrat;*

[5] Il-Qorti Ewropea.

*Huwa fatt inkontestat illi l-attriċi hija persuna li fiż-żmien tal-pubblikazzjoni mertu ta' din l-azzjoni, kienet tokkupa kariga pubblika f'istituzzjoni Ewropea, fejn bħala MEP kienet tirrappreżenta l-interessi tal-kostitwenti tagħha Maltin, u b'hekk kienet tieħu sehem attiv fil-politika. Din il-kariga bla dubju kienet tesponi lill-attriċi għal skrutinju tal-kondotta pubblika tagħha, kif ukoll għal kritika fuq livell politiku fir-rigward ta' materji ta' interess pubbliku, fosthom in-nefqa li hija tagħmel mill-fondi pubbliċi lilha mħallsa f'din il-kariga pubblika u politika tagħha.*

*Fil-każ* ***Jerusalem v. Austria***[6]*, intqal hekk in propositu:-*

> "Politicians must display a greater degree of tolerance, especially when they themselves make public statements that are susceptible to criticism."

*Imbagħad, fil-każ ta'* ***Fledek v. Austria***[7]*, il-Qorti Ewropea rriteniet ukoll hekk:-*

> "74. The Court further recalls that there is little scope under Article 10 § 2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest (see **Sürek v. Turkey** (no. 1) (GC), no. 26682/95, §61, ECHR 1999-IV). Moreover, the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays him as open to close scrutiny of his words and deeds by journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance (see **Lingens v. Austria,** judgment of 8 July 1986, Series A no. 103 p. 26, § 42, or **Incal v. Turkey**, judgment of 9 June 1998, Reports 1998-IV, p. 1567, § 54)."

*Fid-deċiżjoni riċenti fil-każ* ***Savenko (Limonov) v. Russia***[8]*, il-Qorti Ewropea riaffermat illi:-*

> "The requirements of the protection of a politician's reputation have to be weighed against the interests of open discussion of political issues (see **Oberschlick v. Austria,** (no. 1), 23 May 1991, §59, Series A no. 204)."

*Il-Qorti żiedet tgħid ukoll illi:*

> "... prominent political figures ... should be prepared to accept strongly worded criticism and may not claim the same level of protection as a private individual

[6] Appl.26958/95, deċiż 27 ta' Frar 2001.
[7] Appl. 29032/95, deċiż 12 ta' Lulju 2001.
[8] Appl. 29088/08, deċiż 26 ta' Novembru 2019.

unknown to the public, especially when the statements did not concern their private life or intrude on their intimacy (see **Couderc and Hachette Filipacchi Associes' v. France (GC),** no. 40454/07, §§84 and 123, ECHR 2015 (extracts)."

*Applikat dan l-insenjament għall-fatti tal-każ li għandha quddiemha llum, hija l-fehma tal-Qorti illi l-konvenut, bħala Membru Parlamentari Ewropew li (skont kif rapportat fl-artikolu in kwistjoni) evidentement jemmen illi a differenza tal-MEPs tal-Partit Laburista, huwa jsegwi b'mod skrupoluż ir-regoli tal-EP dwar l-użu tal-fondi provenjenti mill-*General Expense Allowance*, għandu jedd li jesprimi l-fehma tiegħu lill-pubbliku dwar l-aġir u l-kondotta ta' Membri Parlamentari Ewropew kollegi tiegħu, fosthom l-attriċi, fil-mod kif jutilizzaw il-fondi pubbliċi lilhom imħallsin.*

*In propositu, il-Qorti Ewropea fid-deċiżjoni tal-każ* **Pakdemerli v. Turkey** *riaffermat il-prinċipju illi l-bniedem politiku huwa mistenni li jittollera marġini wiesa' ta' skrutinju* ***mill-viċin,*** **a fortiori,** ***anke mill-avversarji politiċi tiegħu dwar dikjarazzjonijiet u stqarrijiet li huwa jagħmel fil-pubbliku u li huma suxxettibbli għall-kritika***.[9]

*Issa fil-każ odjern huwa wkoll evidenti, kif diġà rajna, illi l-opinjoni espressa mill-konvenut dwar l-implikazzjonijiet tad-dikjarazzjoni magħmula mill-attriċi, saret u ġiet pubblikata bħala parti minn dibattitu politiku fuq materja ta' interess pubbliku ġenerali, konsistenti fil-ħtieġa ta' trasparenza u tnaqqis ta' abbuż fl-amministrazzjoni tal-fondi pubbliċi mħallsin lill-MEPs. Dan id-dibattitu jirriżulta li kien tqanqal mill-proġett ta' investigazzjoni mnedija minn* Transparency International *bil-mira li jiġu introdotti miżuri u obbligi stretti in konnessjoni mal-użu u nefqa mill-MEPs tal-fondi provenjenti mill-*General Expense Allowance *u kien wassal proprju sabiex l-attriċi tagħmel l-istqarrija dwar l-użu tal-uffiċċju ta' bintha.*

*B'żieda ma' dan, jirriżulta wkoll illi l-kumment tal-konvenut sar mhux biss abbażi ta' fatti stabbiliti u magħrufin pubblikament, iżda wkoll sabiex jirribatti allegazzjonijiet li kienu qed isiru anke speċifikament fil-konfront tiegħu, dwar l-abbuż sistematiku li jsir mill-MEPs fl-użu tal-*General Expense Allowance.

*Ikkunsidrat;*

[9] Appl. 35839/05, deċiż 22 ta' Mejju 2005: "*L'homme politique s'expose invitablement et consciemment à un controle attentif de ses faits et gestes, tant par les journalistes que par la masse des citoyens et, a fortiori, par un adveraire politique. Il doit montrer une plus grande tolerance, surtout lorsqu'il se livre lui-meme a' des declarations publique pouvant preter a' critique. Il a certes droit a' voir proteger sa reputation, meme en dehors du cadre de sa vie privee, mais les imperatifs de cette protection doivent etre mis en balance avec les interets de la libre discussion des questions politiques, les exceptions a' la liberte' d'expression appelant une interpretation etroite."* Ara wkoll Lopes Gomes da Silva v. Portugal, Appl. 37698/97.

*Illi ġie ritenut ukoll in propositu illi:-*

> "While the role of the press certainly entails a duty to alert the public where it is informed about presumed misappropriation on the part of local elected representatives and public officials, the fact of directly accusing specific individuals by mentioning their names and positions placed the applicants under an obligation to provide a sufficient factual basis for their assertions. (see **Lešník v. Slovakia,** no. 35640/97, § 57 in fine, ECHR 2003 – IV, and Vides Aizsardzības Klubs v. Latvia, no. 57829/00, §44, 27 May 2004)."[10]

*L-attriċi ssostni li l-użu tal-kelma "*pocketing*" tqanqal ipotesi ta' diżonestà u konnotazzjoni li hija qed tisraq il-fondi. Filwaqt li huwa minnu li bil-kelma użata mill-konvenut, il-konnotazzjoni evidenti hija li l-fondi li ma jintnefqux fuq kera ta' uffiċini, l-attriċi żżommhom għaliha nnifisha, fil-każ odjern u kuntrarjament għal dak li xehdet l-attriċi,* ***il-Qorti ma taqbilx illi l-implikazzjonijiet naxxenti mill-kumment tal-konvenut huma tali li jaddebitaw aġir illegali jew diżonest speċifiku da parti tal-attriċi, speċjalment meta l-kumment jiġi mqiegħed fil-kuntest sħiħ tal-istqarrija tiegħu fejn jiġu mfissra l-fatti kollha dwar il-*****General Expense Allowance,** ***inkluż il-fatt illi ma jeżisti ebda obbligu kwalsiasi ta' kontabbilità da parti tal-MEPs dwar in-nefqa li jagħmlu minn dan l-*****Allowance.**

*Fl-istess waqt iżda, il-Qorti tqis ukoll illi l-kondotta tal-attriċi, li dikjaratament tuża uffiċċju appartenenti lil bintha għall-amministrazzjoni tal-affarijiet tagħha bħala MEP ġewwa Malta, mingħajr ħlas, ma jistax ħlief ifisser, inevitabbilment u oġġettivament, illi l-attriċi ffrankat l-ispejjeż tan-nefqa li altrimenti kien ikollha tagħmel mill-fondi tal-*General Expense Allowance. *Fi kliem ieħor, anke jekk ma hemm xejn inerentement irregolari fil-kondotta tal-attriċi kieku effettivament żammet għaliha l-fondi intiżi biex jitħallsu l-ispejjeż tal-kera ta' uffiċini, dak li qal il-konvenut hija konklużjoni li seta' jasal għaliha kull bniedem ordinarju abbażi tal-kwadru kollu ta' fatti aċċessibbli u magħrufa.*

*Fuq kollox, il-Qorti ma tista' qatt twarrab il-fatt illi l-attriċi li kienet dak iż-żmien tokkupa kariga politika u pubblika f'istituzzjoni Ewropea li proprju bis-saħħa tagħha, kienet tipperċepixxi l-*Allowance *in diżamina, u għalhekk kellha taċċetta parametri wiesgħa ta' kritika u skrutinju dwar il-kondotta tagħha, anke minn avversarji politiċi tagħha stess.*

[10] Cumpănă and Mazăre vs Romania*,* supra.

*In konklużjoni, il-Qorti tosserva wkoll illi l-attriċi kellha kull opportunità, fl-isfond u fil-kors tad-diskussjoni politika li kienet għaddejja b'rabta proprju man-nefqa li jagħmlu l-MEPs mill-*General Expense Allowance, *illi twarrab kull perċezzjoni li leġittimament u raġjonevolment seta' jasal għalih kull bniedem ordinarju li jkun qara d-dikjarazzjoni tagħha mingħajr wisq tiġbid tal-immaġinazzjoni, speċjalment meta kienet diġà rilaxxat stqarrija fuq talba speċifika ta' Jacob Borg għan-nom tal-gazzetta* The Times of Malta. *L-attriċi setgħet, per eżempju, tirrileva illi hija tirrifondi porzjoni tal-fondi li jibqgħu ma jintnefqux mill-*General Expense Allowance, *jew tirrileva illi għalkemm ma tħallasx kera ta' uffiċċju, tuża l-fondi relattivi biex tħallas spejjeż amministrattivi oħrajn in sostituzzjoni man-nefqa tal-kera. Madanakollu, jirriżulta illi l-attriċi, meta għamlet l-istqarrija relattiva lil* The Times of Malta, *u anke meta xehdet quddiem il-Qorti, ma għamlet xejn biex twarrab il-possibilità li tinħoloq il-perċezzjoni li llum qiegħda tilmenta dwarha.*

*Dan premess u stabbilit, u fl-assjem tal-fatti kollha rapportati li kienu aċċessibbli u magħrufin lill-pubbliku dwar it-tema in diskussjoni, il-Qorti tqis illi l-kumment tal-konvenut jikkostitwixxi espressjoni tal-ġudizzju fuq materja ta' interess pubbliku, liema ġudizzju huwa seta' oġġettivament jasal għalih b'mod raġonevoli fuq il-kondotta ta' MEP kollega tiegħu, bħal ma seta' jasal għaliha kull qarrej ordinarju fl-isfond tal-fatti magħrufa, u dan in konformità piena mar-rekwiżiti tas-sub-artikolu (2)* et sequitur *tal-Artikolu 4 tal-Kap. 579.*

*Ikkunsidrat ulterjorment;*

*Il-Qorti ma tikkondividix is-sottomissjoni tal-abbli difensur tal-attriċi waqt it-trattazzjoni, illi l-kumment tal-konvenut kien wieħed kattiv u malizzjuż għaliex huwa uża kelma b'konnotazzjonijiet ta' aġir irregolari għalkemm kien konsapevoli li ma hemm ebda obbligu ta' kontabbilità fuq l-MEPs dwar in-nefqa li ssir mill-*General Expense Allowance.

*Huwa risaput illi l-prova tal-malizzja xxejjen id-difiża tal-kumment onest iżda f'kull każ, l-oneru tal-prova jinkombi lil min jallega li l-kumment ikun sar b'ħażen. In tema ta'* value judgments, *għas-suċċess ta' allegazzjoni li l-kumment ikun sar b'malizzja jrid jintwera mhux tant rieda ħażina jew malizzja, iżda illi l-awtur tal-kumment ma kienx ġenwinament u onestament jemmen fl-opinjoni li huwa esprima.*

*Iżda f'dan il-każ, fl-isfond politiku ta' dibattitu dwar materja ta' interess pubbliku, il-Qorti tqis li mhix f'lokha l-allegazzjoni ta' nefarjetà da parti tal-konvenut. F'kull każ*

*tqis ukoll illi ma ntweriex b'mod sodisfaċenti illi l-konvenut kien jaf b'liema mod l-attriċi kienet effettivament nefqet il-fondi mill-Allowance lilha allokat, u jekk ħallsitx xi spejjeż oħrajn minflok in-nefqa għall-ħlas tal-kera, wisq anqas ġie muri illi huwa deliberatament naqas milli jiżvela dan it-tagħrif fl-istqarrija tiegħu. F'kull każ, kif diġà rajna, l-implikazzjonijiet tad-dikjarazzjoni li għamlet l-attriċi nnifisha fir-rigward tal-użu tal-uffiċini hawn Malta mingħajr ħlas, huma ovvji anke fl-isfond tan-nuqqas ta' spjega oħra da parti tagħha, u dan irrispettivament minn kull konsiderazzjoni dwar l-obbligu o meno tal-MEPs jiġġustifikaw jew jagħtu rendikont tan-nefqa tagħhom mill-fondi allokati lilha permezz tal-*General Expense Allowance. *Għall-kuntrarju, il-Qorti fehmet illi hija l-pożizzjoni tal-konvenut, tal-anqas hekk kif dikjarat fl-artikolu mertu tal-kawża, illi huwa jassigura li l-uffiċċju tiegħu dejjem jirrifondi l-porzjoni mhux minfuqa mill-*allowance *in kwistjoni.*

*Konsegwentement hija l-fehma tal-Qorti li l-kumment tal-konvenut hekk magħmul bi kritika ta' persuna politika fil-kuntest ta' dibattitu politiku proprju dwar il-ħtieġa ta' trasparenza fl-użu tal-fondi pubbliċi, ma sarx b'malizzja iżda jikkostitwixxi espressjoni ta' opinjoni onesta fuq materja ta' interess pubbliku* ai termini *tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 579, li hija aċċettabbli f'soċjetà demokratika. Għaldaqstant, tqis bħala tajbin it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet minnu sollevati."*

## L-Appell

9. Permezz tar-rikors tal-appell intavolat fis-17 ta' Frar, 2020, l-appellanta talbet lil din il-Qorti,

*"... tilqa' dan l-appell b'dana illi tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellat u minflok tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-appellat."*

10. L-appellanta spjegat li hija tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat u ċaħdet it-talbiet tagħha. Fl-

ewwel lok, l-appellanta qalet li l-Ewwel Qorti naqset milli tevalwa l-provi prodotti kif suppost, u li din għamlet evalwazzjoni fattwali u legali kompletament żbaljata tagħhom, filwaqt li wettqet apprezzament żbilanċjat tal-fatti u malament interpretat ċerti aspetti ġuridiċi tal-vertenza. L-appellanta spjegat li minn qari tas-sentenza appellata, jirriżulta li l-Ewwel Qorti ssorvolat ċerti riżultanzi fattwali u aspetti ġuridiċi, u minflok għażlet li sserraħ il-ġudizzju tagħha fuq aspetti tal-provi in atti filwaqt li skartat aspetti u provi rilevanti oħra. Kompliet tgħid li fil-fehma tagħha ċerti prinċipji ġuridiċi ġew applikati erronjament u f'miżura mhux mistennija għal azzjoni ta' dan it-tip, u minn qari tas-sentenza appellata wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li din hija ffurmata minn presupposti erronji li wasslu lill-Ewwel Qorti għal konsiderazzjonijiet żbaljati, bir-riżultat li anki d-deċiżjoni mogħtija kienet żbaljata. Żiedet tgħid li anki jekk bl-aggravji mressqa minnha, hija qiegħda essenzjalment titlob lil din il-Qorti ta' reviżjoni tissindika l-evalwazzjoni tal-provi li saret mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti m'għandhiex toqgħod lura milli terġa' tevalwa l-provi f'dawk il-każijiet fejn in-nuqqas li jsir dan jista' jammonta għal inġustizzja manifesta lil xi parti. Qalet li dan huwa każ fejn l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament tant żbaljat tal-provi, li ġiet ikkreata inġustizzja manifesta fir-rigward tagħha.

L-appellanta spjegat li l-pern tal-azzjoni odjerna huwa dwar jekk l-allegazzjoni li għamel l-intimat fil-konfront tagħha, jiġifieri li meta hija kienet qiegħda tagħmel użu minn uffiċċju proprjetà ta' bintha, hija kienet qiegħda titfa' f'butha ("*funds are being pocketed*") fondi li l-Parlament Ewropew iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-MEPs bil-għan li dawn jintużaw fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet pubbliċi

tagħhom. L-appellanta qalet li hija ħassitha malafamata b'din l-allegazzjoni u kien għalhekk li hija pproċediet kontra l-appellat quddiem l-Ewwel Qorti. L-appellanta spjegat li l-imsemmija allegazzjonijiet ġew ippubblikati fil-gazzetta *maltatoday* tat-28 ta' Ottubru, 2018, fi żmien meta kienu qegħdin isiru ċerti allegazzjonijiet fil-konfront tal-appellat, l-istil ta' ħajja tiegħu u l-użu minnu ta' fondi tal-Parlament Ewropew. Qalet li kien f'dan l-isfond li l-appellat irrisponda għal *email* li huwa rċieva mingħand il-ġurnalisti tal-*maltatoday*, billi għamel sensiela ta' allegazzjonijiet fil-konfront ta' MEPs oħrajn. L-appellanta qalet li filwaqt li l-appellat ipprova jagħti l-impressjoni li l-kummenti li kien ta lill-gazzetta *maltatoday* ma ġewx fedelment riprodotti mill-istess gazzetta, hija min-naħa tagħha ma tistax tifhem x'inhu dak li ġie riprodott mill-gazzetta inkwistjoni li ma kienx leali ma' dak li kien ġie allegat mill-appellat. Kompliet tgħid li dak li qal l-appellat ma jammontax għal difiża ta' espressjoni "onesta" *ai termini* tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 579, u l-Ewwel Qorti tirreferi darba waħda biss għall-fatt li l-kummenti tal-appellat saru fl-isfond ta' sitwazzjoni fejn huwa kien qiegħed jirribatti allegazzjonijiet li saru fil-konfront tiegħu dwar abbuż sistematiku ta' fondi tal-Parlament Ewropew magħrufa bħala *general expense allowance.* L-appellanta qalet li dan il-fatt ftit ingħata importanza mill-Ewwel Qorti, meta din ġiet biex tevalwa u tiġġudika dwar iċ-ċirkostanzi li kien fihom l-appellat meta irrilaxxa l-istqarrija mertu ta' dan l-appell, u dwar jekk l-appellat jirraffigurax u jikkwalifikax taħt il-kappa tad-difiżi sollevati minnu. L-appellanta tgħid li l-appellat tenna l-allegazzjoni tiegħu billi kkwalifikaha bil-frażi "*unashamedly*", li timplika li dak li kienet qiegħda tagħmel l-appellanta huwa xi

ħaġa deplorevoli u tal-mistħija. Mhux talli hekk, żiedet tgħid l-appellanta, talli l-appellat għamel dawn l-allegazzjonijiet bi tweġiba għal allegazzjonijiet li kienu qegħdin isiru fil-konfront tiegħu, fejn saħansitra kien qiegħed jiġi allegat li huwa kien involut f'imġiba kriminuża waqt li kien fil-kariga ta' Membru tal-Parlament Ewropew, u għalhekk l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-appellanta saru fl-istess kuntest li saru allegazzjonijiet oħrajn kontra tiegħu. L-appellanta tgħid li minkejja li l-appellat, anki bix-xhieda li ta quddiem l-Ewwel Qorti, ipprova jiskolpa lill-appellanta minn kull nuqqas, huwa xorta waħda għażel li jġib eżempju bl-appellanta meta kien rinfaċċjat b'ċerti domandi dwar l-imġiba tiegħu, u għażel li juża l-kelma "*pocketing*" fir-rigward tal-appellanta li hija insinwazzjoni ċara li hija kienet sabet mod kif 'tisraq' flus allokati għal skop partikolari. L-appellanta qalet li dak li huwa importanti f'din il-kwistjoni, mhux tant x'ried ifisser l-appellat b'dak li qal bl-użu tal-espressjoni "*pocketing*", daqskemm x'jifhem bniedem raġonevoli b'dawn il-kliem meta jarahom ippubblikati. L-appellanta saħqet li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qalet li l-kliem "*pocketing*" ma jaddebitawx aġir illegali jew diżonest speċifiku minħabba li bħala stat ta' fatt bniedem ta' intelliġenza normali jifhem li dak deskritt mill-appellat kien fil-fatt aġir illegali u diżonest speċifiku. L-appellanta qalet li dak li allega l-appellat fil-konfront tagħha, sar fil-kuntest ta' allegazzjonijiet serji ħafna ta' aġir kriminuż li kienu qegħdin isiru fil-konfront tiegħu, dak iż-żmien minn *whistleblower* li kien jaħdem miegħu. Spjegat li dawn l-allegazzjonijiet ma kinux jirreferu għal opinjonijiet iżda għal fatti. Mill-banda l-oħra, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li dak li qal l-appellat fil-konfront tal-appellanta, jiġifieri li kien

hemm '*pocketing*' ta' fondi Ewropej allokati għal skop partikolari, ma kinitx allegazzjoni ta' fatt iżda opinjoni, jew aħjar '*a value judgment*'.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

11. L-appellat wieġeb li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma, u li l-aggravji tal-appellanta huma ġeneriċi għall-aħħar fejn ġie allegat li l-Ewwel Qorti ħadet żball f'kull aspett possibbli tas-sentenza tagħha, jiġifieri kemm fl-analiżi tal-provi, fil-konsiderazzjonijiet u fid-deċiżjoni tagħha. L-appellat sostna li fir-rikors tal-appell tal-appellanta jissemmew punti li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-kwistjoni jekk dak li ġie ppubblikat kienx libelluż jew le, u f'ħafna partijiet tar-rikors tal-appell issir enfasi fuq ir-rwol tal-appellat fil-Parlament Ewropew u fuq dak allegat fil-konfront tiegħu fl-artikolu inkwistjoni. Qal li l-appellanta fl-ewwel aggravju tagħha tittratta l-fatt li l-Ewwel Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-appellat, fejn dan qajjem il-punt li l-kontenut tar-risposta li hu ta permezz tal-*email* ma ġiex riprodott fedelment, u li hu ma kienx semma lill-appellanta b'isimha. L-appellat qal li kemm il-kawża u anki dan l-appell huma bbażati fuq il-frażi "... *payment-free, necessarily implying that the funds are being pocketed."* Spjega li l-pern tal-artiklu li kien deher f'*The Times of Malta* tal-31 ta' Mejju, 2017 kien dwar jekk ċerti MEPs kinux qegħdin jagħtu kont tal-ispejjeż li jonfqu mill-*general expense allowance* li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom, u f'dan ir-rigward l-appellanta kienet stqarret li hija tagħmel użu minn uffiċċju ta' bintha mingħajr ma tħallas ebda kera tiegħu.

Kompla jgħid li l-appellanta ħassitha mmalafamata bl-użu tal-kelma "*pocketing*", li hija tgħid li timplika serq jew miżapproprjazzjoni min-naħa tagħha tagħha. Filwaqt li ċċita estensivament mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, l-appellat qal li l-Ewwel l-Qorti kienet korretta fl-osservazzjonijiet li għamlet li fiż-żmien meta ġie ppubblikat l-artiklu inkwistjoni, l-appellanta kienet tokkupa l-kariga ta' MEP u konsegwentement kienet esposta għall-iskrutinju tal-kondotta tagħha, kif ukoll għall-kritika politika dwar materji ta' interess pubbliku, bħalma huwa l-użu ta' fondi mogħtija għal skopijiet politiċi. L-appellat qal li ma jistax ma jiġix osservat kif l-appellanta ma għamlet xejn tul il-kors tal-kawża sabiex b'xi mod tinnega dak li ġie allegat, kif ukoll naqset milli turi jekk kinitx tirrifondi il-flus li ma kinitx tonqof mill-fondi li kienet tirċievi bħala *general expense allowance*, jew jekk kinitx tużahom għal skopijiet oħra. Qal ukoll li l-espressjoni tal-opinjoni li l-appellanta rċeviet flus għall-bżonnijiet amministrattivi, li hija żammet mingħajr ma batiet spejjeż, hija konklużjoni li bniedem raġonevolment jista' jasal għaliha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-appell imressaq mill-appellanta, fil-kuntest tar-risposta tal-appellat, tal-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti sabiex waslet għad-deċiżjoni appellata.

*L-aggravju :* *nuqqas ta' apprezzament korrett tal-provi mill-Ewwel Qorti, li wasslu għal konsiderazzjonijiet żbaljati u għal deċiżjoni żbaljata*

L-appellanta tgħid li hija ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti għaliex naqset milli tagħmel valutazzjoni sħiħa u korretta tal-provi miġjuba quddiemha, kif ukoll għaliex l-Ewwel Qorti tat piż akbar lill-verżjoni mogħtija minn ċerti xhieda minn dik mogħtija minn xhieda oħrajn, bir-riżultat li kemm l-apprezzament tal-provi, u anki l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti u konsegwentement id-deċiżjoni appellata, kienu żbaljati. Il-Qorti sejra tanalizza dawn il-provi mill-ġdid u sejra tagħti l-ġudizzju tagħha dwar jekk l-aggravju tal-appellanta għandux jiġi milqugħ jew le, imma tagħmilha ċara lill-partijiet li l-konsiderazzjonijiet tagħha huma limitati għal analiżi dwar is-silta partikolari tal-artikolu pubblikat fil-gazzetta *maltatoday* fil-ħarġa tat-28 ta' Ottubru, 2018 illi dwarha tilmenta l-appellanta, u jekk din kelliex titqies bħala malafamanti jew bħala *fair comment* skont il-liġi, u bl-ebda mod mhija ser tidħol f'konsiderazzjonijiet li m'għandhomx x'jaqsmu mal-mertu ta' din il-kwistjoni *ut sic.*

13. Il-kwistjoni bejn il-partijiet taf il-bidu tagħha għal artiklu li deher fil-gazzetta *maltatoday* tat-28 ta' Ottubru, 2018 fejn ġiet investigata l-imġiba tal-Membri tal-Parlament Ewropew u l-użu li jagħmlu minn fondi li l-Parlament Ewropew iqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom, partikolarment il-fondi li jaqgħu taħt il-*general expense account* sabiex ikunu jistgħu jamministraw l-

uffiċċju tagħhom. L-appellanta fix-xhieda li tat quddiem l-Ewwel Qorti, spjegat liema huma l-fondi li l-Parlament Ewropew ipoġġi għad-dispożizzjoni tal-MEPs u kif il-fondi li jaqgħu taħt il-*general expense allowance* huma fondi li jridu jinżammu f'kont separat mill-MEPs. Jirriżulta li fil-31 ta' Mejju, 2017 kien deher artiklu fil-gazzetta *The Times of Malta,* fejn kien inkiteb illi l-appellanta kienet tagħmel użu minn proprjetà ta' bintha bħala uffiċċju tagħha hawn Malta. Dan ġie kkonfermat mill-appellanta stess, li kienet infurmat lill-ġurnalista Jacob Borg li għamlilha l-mistoqsijiet relattivi, li hija ma kellha l-ebda irċevuti x'turi għall-ħlas tal-kera ta' dan l-uffiċċju għaliex hija ma tħallasx kera lil bintha sabiex tuża dan l-uffiċċju. Mix-xhieda li tat quddiem l-Ewwel Qorti, jirriżulta li l-appellanta spjegat li b'analoġija mar-regola tal-Parlament Ewropew li tipprojbixxi lill-MEPs milli jimpjegaw fl-uffiċċju tagħhom familjari tagħhom, hija qieset li ma tkunx qiegħda taġixxi korrettement jekk tħallas il-kera lil bintha talli tagħmel użu minn dan l-uffiċċju. Jirriżulta wkoll li fl-2018 kienu saru diversi allegazzjonijiet fil-konfront tal-appellat, liema allegazzjonijiet imorru lil hinn mill-mertu ta' dan l-appell. Jirriżulta wkoll li meta ġurnalist mill-gazzetta *maltatoday* bagħat sensiela ta' domandi lill-appellat dwar l-infiq ta' fondi Ewropej u dwar il-mod kif l-MEPs Maltin kienu vvutaw dwar emendi proposti sabiex tiġi introdotta aktar kontabbilità u trasparenza fl-infiq ta' dawn il-fondi, l-appellat kien wieġeb fis-sens li jkun aħjar li wieħed jara x'inhuma jagħmlu MEPs Maltin oħrajn. Kwantu għall-*email* mibgħuta mill-appellat b'risposta għad-domandi tal-gazzetta *maltatoday,* kif eċċepixxa l-appellat stess, huwa fl-ebda waqt fit-tweġiba tiegħu għall-*email* ma rrefera għall-appellanta b'isimha, għalkemm il-gazzetta li

ppubblikat l-artiklu għamlet riferiment għall-fatt li kienet l-appellanta, li l-gazzetta identifikat b'isimha, li kienet qiegħda tikri l-uffiċċju ta' bintha, kif wara kollox kien diġà magħruf pubblikament b'dak li kienet qalet l-appellanta stess lill-gazzetta *The Times of Malta*. Fl-artiklu tal-*maltatoday*, l-gazzetta ikkwotat minn kummenti li kien għamel l-appellat fit-tweġiba tiegħu bl-*email,* "*unashamedly declaring that these offices are leased from offspring payment-free - necessarily implying that these funds are being pocketed."* L-appellanta tgħid li hija ħassitha malafamata bil-kliem użat mill-appellat *"unashamedly"* u *"pocketed",* li għandhom konnotazzjonijiet negattivi, għaliex l-appellat ried ifisser li dak li għamlet l-appellanta kien tal-mistħija, u implika wkoll li hija tefgħet fil-but flus li suppost intużaw għall-amministrazzjoni tal-uffiċċju tagħha f'Malta.

14. L-appellanta spjegat kif ħasset ruħha aggravata l-aktar għaliex l-appellat għadda dawn il-kummenti fil-konfront tagħha fl-istess waqt meta huwa kien qiegħed iwieġeb għal domandi dwar l-imġiba tiegħu fir-rwol pubbliku li għandu, meta kienu qegħdin isiru allegazzjonijiet dwaru ta' imġiba mhux xierqa u ta' użu improprju ta' fondi Ewropej. Qalet li l-appellat, bl-allegazzjoni li għamel dwarha, bħal donnu ried jiġbidha miegħu fi storja li prinċipalment kienet dwar l-imġiba tiegħu u l-allegazzjonijiet li kienu qegħdin jiċċirkolaw dwaru. L-avukat difensur tal-appellanta waqt it-trattazzjoni spjega li l-intenzjoni tal-appellat kienet waħda malinna, u l-ħsieb tiegħu meta uża kliem bħal '*unashamedly*' u

‘*pocketed’* fil-konfront tal-appellanta, kien biex tingħata l-impressjoni li l-imġiba tagħha kienet tal-mistħija.

15. Dak li trid tiddeċiedi dwaru din il-Qorti huwa jekk dik il-parti tal-artiklu tal-*maltatoday*, li tagħmel riferiment u għal dak li kien qal l-appellat fil-konfront tal-appellanta, tammontawx għal malafama li saret bl-għan li ttellef mill-ġieħ jew mir-reputazzjoni tagħha. L-Ewwel Qorti kkonsidrat mhux biss li l-appellat fl-ebda stadju ma rrefera għall-appellanta b’isimha, iżda l-kummenti tiegħu jistgħu jitqiesu li saru f’kuntest ta’ dibattitu politiku dwar materja ta’ interess pubbliku ġenerali. L-appellanta kienet diġà għamlet kummenti pubbliċi bnadi oħra li l-uffiċċju li tagħmel użu minnu hawn Malta jappartjeni lit-tifla tagħha, u li ma kellha l-ebda irċevuti x’tippreżenta għall-ħlas tal-kera għax kienet qieset li ma jkunx xieraq li tikri bi ħlas l-uffiċċju mingħand bintha. L-Ewwel Qorti qieset li l-kummenti tal-appellat saru f’kuntest fejn lill-appellat kienu qegħdin isirulu għadd ta’ domandi dwar l-użu ta’ fondi tal-Parlament Ewropew, u dan kien qiegħed jispjega dwar mozzjoni mressqa minnu u minn għadd ta’ MEPs oħra bl-iskop li tiddaħħal aktar trasparenza fl-awditjar tal-fondi li l-Parlament Ewropew iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-MEPs. Mill-provi jirriżulta li anki l-appellanta kienet qablet ma’ din il-mozzjoni u vvutat favur tagħha. L-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li l-kummenti tal-appellat fil-konfront tal-appellanta mhumiex tali li jaddebitaw xi aġir illegali jew diżonest partikolari lill-appellanta, speċjalment meta l-kumment jitqiegħed fil-kuntest tal-istqarrija mogħtija minnu, fejn jitfissru l-fatti kollha marbuta mal-*general expense allowance,* inkluż

il-fatt li ma jeżisti ebda obbligu ta' kontabbilità da parti tal-MEPs dwar in-nefqa ta' din l-*allowance.*

16. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet **Mons. Joe Vella Gauci *vs* Andrew Formosa et**[11], fejn inkiteb illi:

> "... jekk pubblikazzjoni hijiex diffamatorja jew le din hi kwistjoni ta' fatt li tiddependi minn ċerti fatturi rilevanti u varji, bħal ma huma dak tal-kontenut tal-pubblikazzjoni u l-istat tal-opinjoni pubblika. "*It is similarly a matter of fact whether any words convey the defamatory imputation alleged, and this may depend to a large extent on the circumstances and context of a particular publication." (Ara Gatley, 'On Libel and Slander',* Ed. 1972, para. 49)."

Fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Carmel sive Charles Spiteri *vs.* Daphne Caruana Galizia**[12], inkiteb:

> "Jibda biex jingħad illi meta l-kliem użati huma per se derogatorji u inġurjużi l-intenzjoni illi ssir ħsara *(animus iniuriandi)* kienet preżunta (Ara **Profs. J. Rizzo Naudi *vs* F. Agius Mizzi et,** deċiża fit-13.05.1997). L-awtur Gatley, '*On Libel and Slander',* jgħid fost affarijiet oħra: "*... the question was not what the defendant intended but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published would understand to be the meaning. Liability for libel does not depend on the intention of the defamer but on the fact of the defamation. The question is not whether the writer of an alleged libel means but what is the meaning of the words he has used. It is not the defendant's intention or the meaning in his own mind that makes the sense of the libel, but what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it.*

[11] 15.07.2009.
[12] 20.11.2009.

... l-esperjenza tgħallem illi f'kawżi tax-xorta hawn ikkontemplata spiss drabi d-dritt tal-ħarsien tar-reputazzjoni ta' persuna jidħol f'konflitt mad-dritt tal-espressjoni ħielsa. Meta dan jiġri, hu neċessarju li jkun stabbilit taħt liema limitu d-dritt wieħed għandu jipprevali fuq l-ieħor. Dan sintendi u dejjem b'referenza għall-każ speċifiku konkret.

Jidher li d-dottrina prevalenti takkorda lill-kritika l-ispazju pjuttost wiesgħa u mifrux in kwantu għar-rifless valutattiv li din tagħmel fuq l-imġibiet, jew ċertu diskors jew anke, l-opri tal-bniedem, bħal ma hu xogħol artistiku jew letterarju. Hu wkoll sottolineat, almenu f'ċerti deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana kif ikkummentat fl-opra tal-**Franzoni** ("Le Obbligazioni del fatto illecito", Utet, Edizione 2004, pag. 180), illi: "*nell'ipotesi, in cui venga in rispetto del requisito della continenza formale deve essere affettuata in modo attenuato, per lasciare spazio all'interpretazione soggettiva dei fatti narrati e per svolgere le censure che si vogliono esprimere; in tal modo, sono state ritenuto legittime anche 'espressione' astrattivamente offensive e soggettivamente sgradite alla persona cui erano riferite (Cass. 22 ta' Jannar, 1996, Nru. 465). Il diritto di critica, quindi, si ritiene esercitato in modo legittimo, anche quando si ricorre a parole aspre e pungenti, di per se insultanti, purché siano razionalmente correlate ai fatti ed ai giudizi espressi, nonché congruenti al livello della conrapposizione polemica raggiunta." (Trib. Roma, 24 ta' Mejju, 1985).*

Min-naħa l-oħra, l-istess dottrina u ġurisprudenza ma jonqsux ukoll milli jaċċentwaw illi l-verità tal-fatti trid tiġi rispettata għaliex inkella jekk il-kritika ssir fuq episodji mhux veri jew addirittura inventati din ma ssirx ħlief sempliċi pretest biex il-kritiku joffendi r-reputazzjoni tas-soġġett ikkritikat. Ukoll hawn, hu rakkommandat illi trid teżisti proporzjonalità bejn it-ton tal-kliem u l-iskop informattiv biex il-kritika ma tittraxxendix f'attakk jew f'aggressjoni personali. Il-problema tibqa' dejjem fejn wieħed għandu jiġbed il-linja ta' demarkazzjoni bejn il-kritika leġittima u dik li, kif ingħad f'deċiżjoni Ingliża "*passes out of the domain of criticism itself."* (**McQuire - vs - Western Morning News** (C.A. 1903) u ssir invettiva."

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Av. Dr Joseph Mifsud *vs.* Joe Demartino**[13] inkiteb illi:

> "Illi l-libell bl-istampa jitwettaq kull meta ssir xi imputazzjoni li tista' ċċekken lill-persuna li għaliha tirreferi (kemm jekk espressament jew b'implikazzjoni) fl-istima jew il-ġieħ tas-soċjetà lejha, u dan billi timmira li taqta' lil dik il-persuna mill-istess soċjetà, jew li tesponiha għad-disprezz jew mibegħda tagħha. Min-naħa l-oħra l-kritika ta' persuna l-iżjed jekk dik il-persuna tkun imdaħħla fil-qasam pubbliku (App. Ċiv. 1.2.1988 fil-kawża fl-ismijiet **Fenech Adami et *vs* Vella et**), ma ssirx minnufih passibbli għas-sanzjonijiet tal-libell jekk kemm-il darba tkun waħda serja, oġġettiva, u meqjusa, ukoll jekk tkun ħarxa u qawwija" (App. Krim. 23.4.1963) fil-kawża fl-ismijiet **X *vs* Y** (Kollez. Vol. XLVII.iv.126).
>
> Minn dan joħroġ li l-eżami ewlieni li għandu jagħmel il-ġudikant huwa dak li jqis jekk il-kliem ippubblikat jew imxandar jikkawżax lill-persuna li għaliha dik il-pubblikazzjoni tirreferi nuqqas ta' stima f'għajnejn min ikun qraha jew semagħha. Tali "udjenza" għandha tiġi meqjusa bħala qarrejja jew semmiegħa ta' dehen normali li jkunu taw lill-kliem pubblikat jew imxandar it-tifsira normali tiegħu (P.A. FGC 8.10.1993) fil-kawża fl-ismijiet **Victor Pace *vs* Joe Azzopardi et**.)
>
> Illi għar-rigward ta' persuna fil-qasam pubbliku, u partikolarment fil-qasam politiku, il-livell ta' kritika li l-liġi tal-istampa tittollera huwa x'aktarx għoli, azzardat u wiesgħa, u ċirkoskritt biss minn prova ta' ħażen jew infondatezza tal-fatti msemmija jew mid-diċenza pubblika jew xilja ta' abdikazzjoni ta' dmirijiet imposti fuqha.
>
> ...
>
> Illi huwa aċċettat li jekk il-kumment ikun "ġust" ma jaqax taħt il-pieni tal-malafama jew tal-libell. Il-kwestjoni ta' kummenti li jitqiesu bħala "ġusti" hija waħda li tagħti lok għal problemi kbar minħabba li mhix waħda ċara (Ara Gatley, ċit. Para. 708, paġna 299-300).
>
> Biex il-kumment ikun wieħed "ġust" jeħtieġ li jkun imsejjes fuq ħwejjeġ li sostanzjalment seħħew u li jkunu l-fatti sħaħ (App. Ċiv. 21.1.1993 fil-kawża fl-ismijiet **Fenech pro et noe vs Montanaro et)**. Jekk jirriżulta li l-fatt allegat ma kienx attwalment jeżisti, ma tkunx tista' treġi aktar id-difiża tal-kumment ġust (App. Ċiv. 13.1.2000 fil-kawża fl-ismijiet **Rizzo Naudi *vs* Agius et)**.

[13] App. Inf. Ċiv. 11.12.2009.

17. Tqis illi l-kummenti li ta l-appellat u li ġew ippubblikati fl-artiklu tal-*maltatoday* li l-appellanta tqis li kien malafamanti fil-konfront tagħha, intqalu fl-isfond ta' kritika li kienet qiegħda ssir li l-MEPs ftit li xejn huma trasparenti rigward l-infiq ta' fondi pubbliċi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Il-partijiet fil-kawża huma persuni mill-qasam politiku u għaldaqstant huma suġġetti għall-iskrutinju tal-pubbliku u tal-midja, u bir-raġun ħafna drabi dan l-iskrutinju jaf ikun pjuttost aħrax u rigoruż. Fit-tweġibiet li ta lill-mezzi tal-istampa fuq domandi li sarulu mill-*maltatoday*, l-appellat għamel riferiment għall-appellanta, mingħajr ma semmieha b'isimha, li kienet qiegħda tikri l-uffiċċju tagħha f'Malta mingħand it-tifla tagħha mingħajr ma kienet qiegħda attwalment tħallas kera, informazzjoni din li kienet diġà fid-dominju pubbliku, stante dikjarazzjoni li kienet għamlet l-appellanta stess mal-gazzetta *The Times of Malta*. Tqis illi fin-nuqqas ta' prova li l-appellanta ħallset lura lill-Parlament Ewropew il-flus mhux minfuqa minnha mill-*general expense allowance* u fin-nuqqas ta' prova li flus mill-imsemmija *allowance* intefqu kollha fi spejjeż amministrattivi, l-appellat seta' raġonevolment jikkonkludi li dak li ma ġiex minfuq mill-appellanta mill-imsemmija *allowance* ġie 'pocketed' minnha. Dak li stqarr l-appellat fl-*email* tiegħu, fejn qal li kien hemm '*pocketing'* ta' fondi, ma jistax jitqies li huwa malafamanti għaliex l-appellanta min-naħa tagħha m'għamlet xejn u ma ġabet l-ebda prova biex turi li l-konklużjoni milħuqa mill-appellat, mhijiex veritiera. Wieħed ma jridx jinsa li l-qofol ta' din il-kwistjoni kollha kien l-użu ta' fondi pubbliċi mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-MEPs u n-nuqqas ta' trasparenza fl-infiq ta' dawn il-fondi. L-appellat fix-xhieda tiegħu

spjega li l-*email* mibgħuta minnu lill-ġurnalist tal-*maltatoday* intbagħtet fil-kuntest ta' spjegazzjonijiet oħra mogħtija minnu, bħal pereżempju l-fatt li huwa kien mexxa 'l quddiem tibdil fir-regolamenti tal-proċedura tal-Parlament Ewropew sabiex isir eżerċizzju ta' awditjar aktar trasparenti tal-fondi tal-MEPS. L-appellanta min-naħa tagħha spjegat fix-xhieda tagħha li hija kienet qablet u vvutat favur din il-mozzjoni. Kif intqal fis-sentenzi appena ċċitati, il-linja ta' demarkazzjoni bejn stqarrija li ssir f'kuntest bħal dak imsemmi u stqarrija li ssir bi spirtu malinn sabiex tħammeġ jew ittellef ir-reputazzjoni ta' persuna oħra, hija waħda pjuttost fina. Aktarx li l-konklużjoni ta' din il-Qorti kienet tkun differenti li kieku l-appellanta ġabet prova permezz ta' irċevuti jew *audited accounts* li jikkonfermaw li hija kienet tonfoq il-*general expense allowance* kollha fi spejjeż amministrattivi eċċ u li kienet tħallas lura lill-Parlament Ewropew il-flus mhux minfuqa mill-imsemmija *allowance*, għaliex hemmhekk kienet tkun ġustifikata tgħid li d-dikjarazzjoni tal-appellat saret bi spirtu malinn. Imma fin-nuqqas ta' tali prova, din il-Qorti tqis li dak li ntqal mill-appellat, ma jammontax għal malafama fil-konfront tal-appellanta u jista' jitqies bħala *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħad l-aggravju tal-appellanta u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**